Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8746 — EG Group/ESSO Germany Business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 4/06)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EG Group (ir-Renju Unit), ikkontrollata b'mod konġunt minn TDR Capital LLP (50 %), ditta ta' ekwità privata, u żewġ individwi (50 %);

— ESSO il-Ġermanja Business (il-Ġermanja), li tappartjeni lil Exxon Mobil Corporation.

EG Group, takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet minn ESSO Deutschland GmbH, sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' Exxon Mobil Corporation.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EG Group hija kumpanija azzjonarja li topera taħt il-marka "EG", attiva fl-operazzjoni tal-pompi tal-karburant b'offerta backcourt ta' ħwienet ta' konvenjenza anċillari, ħasil tal-karozzi, lukandi u ristoranti fast food, fir-Renju Unit, fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu u fin-Netherlands;

— ESSO Germany Business hija attiva f'bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni permezz ta' netwerk ta' pompi tal-karburant li jinsab fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8746 – EG Group / ESSO Germany Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.